MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-23 ta' April, 2015

Rikors Numru. 76/2015

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fit-tnax (12) ta’ Lulju tas-sena elf disa mija u wiehed u disghin (1991) (Ara Dok. A – certikat taz-zwieg anness) u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal ;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt minn Nutar Dr Nicholas D fl-ghaxra (10) ta’ Marzu tas-sena elfejn u hamsa (2005) (Ara Dok B anness) ;

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikconciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li l-partijiet ilhom ghaxar (10) snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn ;

Illi m’hemm l-ebda manteniment dovut. Illi l-partijiet ma kellhomx tfal minn dan iz-zwieg u in oltre l-partijiet iddekadew definittivament ghal kull jedd taghhom li jitolbu u / jew jircievu manteniment minghand xulxin u dan skont l-anness kuntratt ta’ separazzjoni personali (Ara klawsola 2 tal-kuntratt ta’ separazzjoni) ;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-**Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ;**

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti, m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall ta’ zwieg li gie celebrat fit-tnax (12) ta’ Lulju tas-sena elf disa mija u wiehed u disghin (1991) bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku

bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Frar, 2015;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-10 ta' Marzu 2005 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-

Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------